MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Numru. 493/2001

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)
vs
Alfred Xuereb

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Alfred Xuereb, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 138379(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Lulju 2001, u fiz-zmien ta’ qabel, fuq il-monti il-Belt u postijiet ohra, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

(1) Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebhin b’qerq

u cioe' diversi CDs u dan bi ksur ta' artikolu 298 (1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproducja jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe' diversi CDs bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom s-socjeta' Patrick Galea LL.D. hija rapprezentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298b (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fit-30 ta' Lulju 2001 fl-istess lok u cirkostanzi, ghal-qliegh, jew tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola, jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina, jew kitba pornografika, jew oxxena, jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le, u dan ir-reat sar bi ksur tal-Artikolu 208 (1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi, minkejja il-fatt illi l-Avukat difensur tal-imputat talab xahar zmien sabiex jipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet u l-Qorti taghtu din il-fakulta waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu, 2004, huwa baqa ma ipprezentax tali nota u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-16 ta' Lulju, 2001, il-pulizija kienet irceviet kwerela minghand Dr Patrick Galea fuq struzzjonijiet ta' diversi kumpanniji illi fil-hanut Video Palace Imsida Road, Gzira kienu qeghdin jinkrew xi videos ikkupjati. L-Ispettur Helga Debono flimkien ma pulizija ohrajn marru f'dan il-fond fejn sabu diversi affarijiet fosthom tletin fotokopji ta' CD inlays u 11 inlays zghar. Fl-istabbiliment kien hemm Neville Chetcuti u Felix Dimech u mistoqsija ta' min kienu dawn l-inlays huma qalu li kienu tal-imputat. L-Ispettur Debono xehdet illi ghamlet tfittxija fil-post, fir-residenza ta' l-imputat 13 Yvonne House, Church Street, Paceville, fejn hemm hekk qabdu 41 CDs. L-imputat gie investigat u irrilaxxja stqarrija lill-pulizija. Kienet saret ukoll Inkjesta Magisterjali. Fuq kwerela ohra, ukoll ta' Dr Patrick Galea, kienu saru diversi raids fuq il-monti, kienet saret inkjesta ohra Magisterjali u allegatament kien instab illi l-imputat fuq il-monti kellu 18 il-CD fil-pussess tieghu foloz u wahda minnhom kienet ta' materjal pornografiku. Il-pulizija gabret ukoll xi CDs mill-van tal-imputat.

Illi dan il-kaz l-imputat kien irrilaxxja stqarrija ohra lill-pulizija. Illi f'stqarrija minnhom, dik datata 17 ta' Lulju, 2001, l-imputat qal lill-pulizija li huwa ibiegh fuq il-Monti fuq l-istand numru 23, kien ibiegh accessories tal-"mobile phones" u CDs originali. Mistoqsi b'kemm kien ibiegh is-CDs, huwa wiegeb illi kien ibieghhom bi tlett liri l-wahda u li ilu ibiegh fuq il-Monti dawn l-ahhar sentejn u nofs. Mistoqsi minn fejn jixtri is-CDs huwa qal li jixtrihom minghand l-Exotique u ammetta illi gieli jikkopja CDs. Mistoqsi kemm ikkopja CDs, huwa wiegeb li kien ikkopja madwar mitt CD. Kien hemm minn dawn illi bieghhom u ohrajn illi haduhomlu l-pulizija meta ghamlulu raid id-dar. Dwar is-CDs illi fadal huwa qal illi dawn huma kollha originali u dwar is-"CD writer" illi hadu minghandu l-pulizija, qal illi kien xtraha minghand wiehed illi kien jigi fuq il-Monti, izda ma jafx x'jismu, u kien xtraha ghas-somma ta' erba' mija u tmenin lira. Dwar l-ispindle tas-CDs, qal illi xtraha minghand wiehed ragel illi kien jigi fuq

il-Monti, ta' nazzjonalita' Ingliza jismu Mick u qal ukoll illi xtara zewg "spindles" ghall-prezz ta' mija u ghoxrin lira il-wiehed. L-ispindles xtrahom vojta. Huwa qal illi fir-rigward tas-CDs ta' fuq l-ispindle uhud ibieghhom vojta lin-nies fuq il-Monti, u ohrajn jikkopja CDs originali fuqhom u bieghhom. Mistoqsi dwar is-CDs illi qabdet il-pulizija, l-imputat ammetta illi ikkupjhom hu u ammetta wkoll illi dwar il-photocopies ta' inlays tas-CDs illi elevat il-pulizija minghand il-Video Palace, dawn kien ordnahom minghand il-Video Palace il-Gzira. Huwa qal illi kien ordna "photocopies" ta' "inlays" minghand tal-Video Palace il-Gzira xi erbgha jew hames darbiet. Huwa ammetta illi is-CDs kien ikkupjhom hu stess u li kien ilu juza is-"CD writer" ftit inqas minn hmistax.

Illi xehed l-espert mahtur fiz-zewg inkjesti, is-Sur Martin Bajada, illi ezamina diversi compact diskettes u apparat elettroniku u irrizultalu illi hlief ghal compact diskette wahda li hija originali il-compact diskettes ohrajn li huwa ezamina kienu kollha kopji tal-prodott originali. Inoltre, il-compact diskettes kollha indikati bhala CDR fil-kolonna "Media" fl-elenki annessi mar-rapport tieghu huma prodott lokali, cioe' maghmula b' "compact diskettes burners" waqt li dawk indikati bhala CDs fil-kolonna "Media" huma prodotti importati b'process maghruf bhala "pressed" u ghaldaqstant ikkonkluda illi l-imputat, jekk ma kisibx l-awtorita minghand l-awturi rispettivi biex jaghmel kopji tal-compact diskettes elenkati fid-Dokument MP 4, MP 5, u MP 6, kiser id-drittijiet ta' l-awturi rispettivi.

Illi mid-Dokument MP 2, li huwa elenku tat-tmintax il-compact diskette inlay, liema inlays huma fotokopji u ghaldaqstant mhux originali, l-imputat jekk ma kisibx l-awtorita minghand l-awturi rispettivi wkoll kiser id-drittijiet ta' l-awturi rispettivi. Martin Bajada ikkonkluda wkoll illi fid-Dokument MP 6 hemm elenkat bhala numru 11 compact diskette bit-titolu "Dark Alleys". Fil-fatt dan il-compact diskette huwa ta' tip VCD u l-kontenut tieghu huwa pornografiku tat-tip "hard core".

Illi matul l-istqarrija illi l-imputat irrilaxxja lill-pulizija fit-30 ta' Lulju, 2001, l-imputat gie mistoqsi dwar l-ispezzjoni li

ghamlitlu l-pulizija fuq il-Monti il-Belt Valletta u fil-van transit tieghu fejn sabitlu tmintax il-CD, l-imputat qal illi l-van transit huwa tieghu, u illi is-CDs ukoll huma tieghu. Mistoqsi minnfejn gab is-CDs huwa qal illi hemm minnhom illi sabhom fuq it-tilar tieghu stess u hemm minnhom li partathom ma xi nies madwar tlett snin ilu. Mistoqsi min kien ghamillu is-CDs fuq it-tilar l-imputat wiegeb li ma jafx u li kien sab fuq it-tilar tieghu madwar erbgha jew sitt CDs, li ma setghax jiddentifika liema kienu. Mistoqsi jekk is-CDs kienux originali jew le, qal illi ma jafx, ghalih kienu originali. Mistoqsi x'kien ser jaghmel bis-CDs, l-imputat wiegeb illi tefaghhom fil-van u qatt ma harighom. Huwa qal illi li kieku sab lil xi hadd bil-computer kien jaghtihomlu u mhux ibieghhomlu. Mistoqsi ghalfejn juza il-van, huwa wiegeb li kien juzah ghax-xoghol u li ma kellux karozzi ohrajn. Mistoqsi jekk ma kienx ser ibieghhom, x'kienet ir-raguni ghalfejn zammhom fil-van tax-xoghol, l-imputat wiegeb li kien warrabhom hemmhekk taht is-seat u lanqas ta kazhom. Minn dak iz-zmien kien nesihom taht is-seat. Mistoqsi jekk kellux permessi jew xi licenzji sabiex ibiegh CDs ikkupjati l-imputat wiegeb li ma kellux. Mistoqsi minn fejn kien gab is-CDs tal-muzika li kienu sabulu l-pulizija, l-imputat wiegeb li kien gabhom minghand l-Exotique.

Il-Qorti semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2004.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, issibu hati ta' l-istess imputazzjonijiet kollha, u dana wara illi rat l-Artikoli 298, 208, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat, ghall-fini ta' piena, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni, il-fatt illi l-oggetti iffalsifikati u l-"equipment" kollu li intuza gew rikuperati mill-pulizija, kif ukoll il-fatt illi meta ikkommetta ir-reat in kwistjoni l-imputat kellu fedina penali relattivament netta. Il-Qorti rat ukoll il-fedina penali

aggornata tal-imputat fuq imsemmi, minn fejn jirrizulta illi, wara  illi tressaq il-Qorti akkuzat bir-reati de quo, huwa gie misjub hati illi ikkommetta reati ta’ l-istess generu, u dana ghal erba’ darbiet “in fila”.  Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghal multa ta’ hames mitt lira u tordna l-konfiski ta’ l-oggetti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------